MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 652/2013

**CILIA Isabelle**
**ID261163-M**

**vs**

**CILIA Robert**
**ID185962-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat, minn dan l-Onorabbli Tribunal, ihallas lill-attrici tlett elef, erba' mija u hamsin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€3,450.58c) piu imghax legali rapprezentanti sehem il-konvenut mill-ispejjez edukattivi u medici inkorsi mill-attrici ghall-ulied minuri Joseph u Michael Pio skont il-prospett anness li jkopri l-perjodu bejn Settembru, 2006 sa April, 2012 u dan ai termini tal-

klawsola 10 tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali datat 9 ta’ Marzu, 2005 in atti tan-Nutar Dr Patricia Hall.

Illi nonostante interpellat ihallas kemm permezz ta’ ittra ufficjali u kif ukoll b’ittri legali dan baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa, illi t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda stante li dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni jisma dan il-kaz in vista tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li huma: (1) l-attrici naqset li tonora klawsola numru 22 tal-kuntratt ta’ separazzjoni tad-9 ta’ Marzu, 2003 atti Nutara Patricia Hall u ghalhekk hu mhux tenut ihallas tali allegati spejjez stante li xejn ma sar b’konsultazzjoni mieghu ghalkemm l-attrici giet interpellata diversi drabi; (2) It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (3) Parti mis-somma hi preskritta bil-perjodu ta’ 5 snin; (4) Li hu ma ghandux ibaghti spejjez; (5) Salv risposti ulterjuri.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet.

Semgha t-Trattazzjoni.

Illi din is-sentenza tittratta dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, u cioe’ dwar in-nuqqas ta’ kompetenza *ratione materie* ta’ dan it-Tribunal sabiex jaqta’ u jiddecidi din il-kawza.

Ikkunsidra,

Illi l-konvenut isostni illi dan it-Tribunal m'ghandhux kompetenza sabiex jiddecidi din il-kawza, ghaliex tali azzjoni giet proposta in segwitu ghal kuntratt ta' separazzjoni personali, u sabiex jigi stabbilit jekk l-ammont mertu ta' din l-azzjoni huwiex dovut, ser ikun mehtieg interpretazzjoni ta' klawsola tal-istess kuntratt ta' separazzjoni personali; illi da parti taghha l-attrici tikkontendi illi tali eccezzjoni m'hix gustifikata ghaliex l-azzjoni hija ghal hlas ta' somma flus, u l-uniku ezercizzju li huwa mehtieg minn dan it-Tribunal huwa li jaccerta illi tali ammont huwa dovut u li l-ispejjez li taghhom qed jintalab il-hlas huma effettivament spejjez medici u edukattivi, minghajr il-htiega ta' xi interpretazzjoni tal-klawsola rizultanti mill-kuntratt ta' separazzjoni personali.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attrici qed titlob hlas ta' ammonti dovuti in linea ta' spejjez li nefqet in konnessi mal-edukazzjoni u sahha ta' ulied il-partijiet, u liema spejjez ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofshom mill-konvenut, u dan *ai termini* ta' klawsola numru disgha-(9) ta' kuntratt ta' separazzjoni personali li gie fffirmat mill-partijiet u ppubblikat minn Nutar Dr Patricia Hall. Illi tali ammont jirrizulta minn prospett imhejji mill-attrici, liema prospett jinsab a fol.2 tal-atti; anzi, aktar precizament, l-ammont mitlub in forza ta' din l-azzjoni jirraprezenta nofs l-ammont li jirrizulta minn tali prospett.

Illi in rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut, u cioe' dwar nuqqas ta' kompetenza *ratione materie* ta' dan it-Tribunal sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza, ikun opportun illi fl-ewwel lok issir referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi kif gej, u cioe':

"*...it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06c).*"

Illi huwa l-istess Artikolu tal-Ligi, permezz tas-subinciz hamsa-(5) tal-istess Artikolu, li jipprovdi l-unika limitazzjoni ghal din il-kompetenza in kwantu jistipula illi kwalunkwe kawzi li fihom jigu trattati kwistjonijiet dwar il-proprjeta' ta' beni immobbli, jeddijiet u pizijiet konnessi ma' beni immobbli, u kawzi ta' zgumbrament minn beni immobli, ghad li t-talba ma tkunx teccedi l-valur li jaqa' fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal, fi kwalunkwe kaz ma jkunux jaqghu fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal. Illi din hija l-unika restrizzjoni u limitazzjoni ghall-kompetenza ta' dan it-Tribunal, salv ghal dak li jipprovdu xi ligijiet specjali ohra, u li m'humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

Illi fil-kaz in ezami, l-attrici qed titlob li l-konvenut jigi ordnat ihallas somma flus li, in rigward valur, tinkwadra ruhha fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Illi allura jsegwi li jehtieg illi jigi stabbilit jekk il-bazi tal-azzjoni, u cioe' l-*causa* li fuqha giet imsejjsa l-azzjoni, hijiex eskluza mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Illi f'dan il-kaz qed jintalab hlas minghand il-konvenut ta' sehem li huwa dovut minnu ghal spejjez inkorsi mill-attrici ghal uliedhom, u liema sehem huwa dovut ai termini ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, debitament awtorizzat mill-Onorabbli Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja u ppubblikat minn Nutar Dr Patricia Hall. Illi ghalhekk il-bazi tal-azzjoni, hija obbligazzjoni kuntrattwali assunta mill-konvenut in forza tal-kuntratt ta' separazzjoni personali msemmi; ghalkemm l-klawsola applikabbli ma tistipulax ammont specifiku dovut mill-konvenut, madanakollu, tohloq obbligu li huwa kwantifikabbli u liema obbligu – kemm-il darba jirrizulta u jigi ppruvat – jikkonsisti unikament fi hlas ta' somma flus mill-konvenut lill-attrici. Illi gialadarba l-azzjoni hija specifikament ghall-hlas ta' somma flus minn parti lill-parti l-ohra, u gialadarba l-ammont

mitlub jaqa’ fil-kompetenza ta’ dan it-Tribunal, jsegwi illi tali talba tinkwadra ruhha fil-gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal.

Illi fid-dawl ta’ tali kunsiderazzjonijiet, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal sabiex jaqta’ u jiddeciedi dwar dan il-kaz, m’hix gustifikata.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut dwar in-nuqqas ta’ kompetenza *ratione materie* ta’ dan it-Tribunal sabiex jaqta’ u jiddecidi dwar din il-kawza, jordna l-proseguiment tas-smigh tal-kawza.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------